**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 46/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Johan Sultana**
**(ID 47882(M))**

**Illum: 27 ta' Ġunju 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Johan Sultana** ta' 30 sena, iben Martin u Teresa nee` Cassar, imwieled il-Pieta` nhar l-4 ta' Jannar 1982, residenti ġewwa Block E, Flat 7, Bini tal-Gvern, Ħamrun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 47882(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-15 ta' Settembru 2009 għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija (20.30hrs) u xhur wara fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u f'dawn il-gżejjer:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-

regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta mogħti lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-4 ta' Novembru 2008 mill-Maġistrat Dr. A. Mizzi LL.D. billi wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza;

3. U aktar talli b'hekk sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna li jitħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), datat l-1 ta' Frar 2013, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat in oltre illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata mill-Prosekuzzjoni fir-Reġistru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Frar 2013;

Rat ukoll illi l-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tat-30 ta' April 2014;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif presjeduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta[2];

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

---

[1] Ara a fol. 29 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 61 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **John Muscat**, Deputat Reġistratur, esebixxa proċess verbal rigwardanti s-"*sejba ta' biċċa "foil" kulur il-fidda kontenenti sustanza, aktarx droga, u dan f'ċella numru 26 f'diviżjoni numru 13 fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, okkupata minn Johann Sultana (karta tal-identita` numru 47882(M), skond rapport tal-Pulizija tas-16 ta' Settembru 2009*", liema proċess verbal ġie redatt mill-Maġistrat Dr. Joseph Apap Bologna. Mill-istess proċess verbal jirriżulta illi l-istess Maġistrat ħatar lil PC 122 Arthur Borg bħala *Scene of Crime Officer* u lix-Xjenzat Godwin Sammut bħala espert forensiku, sabiex jassistuh f'din l-inkjesta.[3]

2. **L-Ispettur Jurgen Vella** jixhed illi fis-16 ta' Settembru 2009 il-Pulizija ta' Raħal Ġdid ġiet infurmata illi ġewwa l-ħabs, wara li saret spezzjoni mill-gwardjani, f'ċella numru 26 f'Diviżjoni 13, li kienet tappartjeni lil Johan Sultana, kienu nstabu xi oġġetti relatati mad-droga – skont ix-xhud, biċċa *foil* maħruqa, karta forma ta' *pipe* u xi trab suspettat droga. Ix-xhud jgħid ukoll illi għalhekk kienet infetħet inkjesta mill-Maġistrat Dr. Apap Bologna, u nhar it-13 ta' Settembru 2012, l-imputat irrilaxxja stqarrija wara li ngħata d-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.[4] Ix-xhud esebixxa wkoll dikjarazzjoni tal-Uffiċjal Investigattiv ossia tiegħu stess, li permezz tagħha huwa ddikjara illi l-imputat ġie mgħarraf bid-dritt tiegħu li jottjeni parir legali qabel l-interrogazzjoni, iżda huwa rrinunzja għal dan id-dritt.[5] Ix-xhud jirreferi għall-kontenut tal-istqarrija tal-imputat u jżid jgħid illi l-imputat kien tressaq il-Qorti permezz ta' proċeduri separati quddiem il-Maġistrat Dr. A. Mizzi, wara li fil-pussess tiegħu, kienu nstabu wkoll xi affarijiet projbiti ġewwa l-ħabs bħal *internet key* u xi oġġetti oħra.

   **In kontro-eżami** x-xhud jikkonferma illi b'sentenza deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), l-imputat kien instab ħati talli fil-pussess tiegħu kellu *internet key* u jekk jidhirlu sew, flixkun b'xi likwidu, ġewwa l-ħabs.[6]

3. Muri r-rapport li rrediġa hu dwar il-każ odjern u formanti parti mill-proċess verbal dwar dan il-każ, **l-ex Spettur Alexander Grech** jikkonferma l-firma tiegħu fuq l-istess dokument u jgħid illi huwa kien Spettur tal-Għassa

[3] Ara l-proċess verbal tal-inkjesta esebit a fol. 33 tal-proċess.
[4] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 27 u 28 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 38 tal-proċess. L-imputat għażel li ma jiffirmax din id-dikjarazzjoni.
[6] Din ix-xhieda tinsab a fol. 34 sa 37 tal-proċess.

ta' Raħal Ġdid u illi kien informa lill-Maġistrat tal-Għassa bis-sejba tad-droga ġewwa l-ħabs.[7] Jikkonferma illi l-inċident li fih instabet id-droga, kien l-istess inċident li fih instabet *internet key* u flixkun, iżda kienet saret separazzjoni, fis-sens illi l-imputat ġie akkużat separatament dwar l-imsemmija oġġetti. Skont ix-xhud, kien hemm il-ħtieġa li dak misjub in konnessjoni mad-droga jiġi analizzat minn espert, apparti wkoll illi kien hemm struzzjonijiet mill-Avukat Ġenerali f'dan is-sens.[8]

4. Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut** jikkonferma r-relazzjoni tiegħu formanti parti mill-atti tal-proċess verbal tal-inkjesta dwar dan il-każ. Mill-istess relazzjoni, jirriżulta illi għall-analiżi tiegħu, huwa ngħata *envelope* kannella mmarkat bħala 3/E/2156/2009 li fih: (1) karta b'xi kitba; (2) biċċa *aluminium foil* li fiha tiċpis ta' lewn kannella u; (3) karta rromblata b'xi tiċpis ta' lewn kannella/iswed.

   Dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda hekk:

   (a) Illi fuq *swabs* meħuda mill-*aluminium foil* u l-karta rromblata li hemm fl-istess dokument, instabet is-sustanza eroina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[9]

   **In kontro-eżami**, l-espert jgħid b'referenza għat-tiċpis ta' lewn kannella fuq l-*aluminium foil,* illi dan ikun il-*left over* tas-sustanza li jibqa' fuq il-*foil.* Jikkonferma illi s-sustanza kienet diġa` ġiet maħruqa u kkunsmata. Jgħid illi għalhekk la darba ma kienx hemm trab u sustanzi, iżda biss it-tiċpis, ma setax jagħti piż. Jispjega wkoll illi billi jħares lejn il-*foil* ma seta' jikkonkludi xejn, għalkemm il-fatt illi kien hemm il-*foil* jagħti indikazzjoni illi s-sustanza kienet eroina, għaliex l-eroina tiġi kkunsmata b'dan il-mod, iżda f'dan il-każ huwa ħa *swab* u ħallha fil-*methanol* sabiex is-sustanza toħroġ fil-*methanol.*[10]

5. **CO 4 Jurgen Stanicich** jixhed b'referenza għas-16 ta' Settembru 2009 illi dakinhar ġew imsejħa sabiex jinżlu f'Diviżjoni 13, fiċ-ċella bin-numru 26, li fiha kien hemm Johan Sultana, ossia l-imputat odjern, u hemmhekk kienu sabu *internet key* imqabbda mal-*laptop* u *foil* maħruq. Dawn instabu fuq

[7] Mill-istess rapport jirriżulta illi s-sejba ta' biċċa fidda b'xi sustanza suspettuża kienet saret nhar il-15 ta' Settembru 2009 għall-ħabta tat-8.30 p.m. fiċ-ċella numru 26, f'diviżjoni 13, okkupata minn Johan Sultana u illi l-pulizija tal-Għassa ta' Raħal Ġdid ġew infurmati b'dan nhar is-16 ta' Settembru 2009, għall-ħabta tal-10.00 a.m. (ara a fol. 4 tal-proċess verbal).
[8] Ara a fol. 41 u 42 tal-proċess.
[9] Ara x-xhieda tal-espert a fol. 43 u 44 tal-proċess u r-relazzjoni tiegħu a fol. 6 *et seq* tal-proċess verbal.
[10] Ara a fol. 98 sa 101 tal-proċess.

il-komodina. Mistoqsi jekk fiċ-ċella kienx jirrisjedi ħaddieħor apparti Johan Sultana, ix-xhud iwieġeb fin-negattiv, u jgħid illi din iċ-ċella kienet tgħajjat lilu, kif ukoll illi "*infatti lilu sibna wara li jinqaflu*"[11]. Jgħid illi l-Maġġur James (Abela), li kien preżenti, kien ġabar l-oġġetti misjuba u illi ġew imsejħa l-pulizija mill-Għassa ta' Raħal Ġdid. Waqt it-tfittxija kienu preżenti hu, l-Maġġur James Abela, il-Maġġur Clint Zahra u CO 11.[12]

**In kontro-eżami** l-istess xhud jikkonferma illi matul il-jum, il-priġunieri jkunu liberi li jiċċaqalqu ġewwa l-ħabs u illi mhux projbit illi priġunier jidħol f'ċella ta' priġunier ieħor, kif ukoll illi dan kien fil-fatt iseħħ. Jgħid ukoll illi huwa wasal fiċ-ċella in kwistjoni għall-ħabta tat-8.30 p.m., illi kien sejjaħlu l-Maġġur James (Abela) fuq ir-radju sabiex jinżel f'Diviżjoni 13 sabiex jassistihom għax kien hemm xi tfittxija u biex jeskortaw lil Sultana fl-uffiċju tal-SRT. Huwa kkonferma illi huwa ma kienx preżenti mal-Maġġur Abela mill-bidu nett. L-ordni kienet illi jinżel sabiex jeskorta lil Sultana minn Diviżjoni 13 ħdejn l-uffiċju tal-SRT. Jgħid ukoll illi huwa ma kienx involut fit-tfittxija u illi meta għajtulu, it-tfittxija kienet diġa` saret. Jgħid illi huwa ma ra xejn, ħlief lill-imputat u illi huwa eskortah sal-uffiċju tal-SRT. Dak il-ħin l-imputat kien fiċ-ċella. Preżenti wkoll kien hemm il-Maġġur James (Abela), iżda ma jafx jekk kienx hu li għamel it-tfittxija. Kien hemm ukoll uffiċjal ieħor iżda nesa min kien. Jikkonferma li huwa ma rax karti tal-*foil*.

**In ri-eżami** x-xhud jgħid illi fiċ-ċella dakinhar huwa ra lil Sultana, iżda ma jafx min kien jgħix fiha. Jgħid ukoll illi huwa ma kienx assenjat f'diviżjoni u għalhekk ma kienx jaf min kien jirrisjedi f'ċelel partikolari. Ma kienx jaf fi x'ħin saret is-sejba, iżda lilu għajtulu fit-8.30 p.m. Jgħid ukoll illi fil-għaxija, jekk mhux sejjer żball għall-ħabta tat-8.15 p.m jew it-8.20 p.m. issir il-proċedura tal-*fall in,* kulħadd jidħol fiċ-ċelel rispettivi, sakemm ma jkunux daħlu qabel, u l-uffiċjal jagħlaq il-bibien.

**Fil-kontro-eżami ulterjuri** tiegħu l-istess xhud jikkonferma illi in eżami huwa kien qal illi ċ-ċella kienet tgħajjat lil Sultana għaliex huwa kkonkluda dan meta sab lil Sultana fiċ-ċella hekk kif għajjatlu l-Maġġur Abela. Jgħid ukoll illi lanqas ma jaf jekk it-tfittxija saritx qabel jew wara l-*fall in.*[13]

6. **Il-Maġġur James Abela** jixhed b'referenza għas-16 ta' Settembru 2009 illi dakinhar saret tfittxija fiċ-ċella numru 26 f'Diviżjoni 13, liema ċella kienet tappartjeni lill-imputat. Hemm instabu *internet key* u *foil* maħruq b'xi traċċi fuqu. Ix-xhud jgħid illi dawn l-oġġetti nstabu ma' ġenb is-

[11] Ara a fol. 46 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 45 sa 47 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 78 sa 89 tal-proċess.

sodda, fuq il-komodina, "*bħal xkaffa*". Jgħid ukoll illi dawn l-oġġetti ġew elevati minnhom stess u mbagħad ċemplu lill-pulizija ta' Raħal Ġdid, li marru hemmhekk u ġabruhom.

**In kontro-eżami**, ix-xhud jgħid illi fiċ-ċella kienu nstabu biċċiet tal-*foil* u *internet key* li kienet imwaħħla mal-*laptop* u li dawn instabu fl-istess parti taċ-ċella.[14]

7. **PS 285 Jeffrey Cutajar** esebixxa r-rapport tal-pulizija li kien sar dwar dan il-każ, mil-liema jirriżulta illi fis-16 ta' Settembru 2009, il-pulizija kienet ġiet infurmata mill-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin illi nhar il-15 ta' Settembru 2009 għall-ħabta tat-8.30 p.m., saret spezzjoni minn ASCO James Abela, ASCO Clint Zahra, CO 11 Mark Spiteri u CO 4 Yurgen Stanicic fiċ-ċella bin-numru 26 ta' Johan Sultana, f'Diviżjoni 13 u li nstabu biċċa *foil* maħruqa possibilment bi traċċi ta' droga fuq xkaffa, *pipe* f'basket mal-oġġetti tal-istess Sultana, *internet key* fuq tieqa, kif ukoll fixkun tal-ħġieġ ukoll mal-oġġetti personali tal-istess Sultana. Skont l-istess rapport, inħarġu akkużi fil-konfront tal-imputat in konnessjoni mal-*internet key* u l-flixkun tal-ħġieġ, filwaqt illi l-Ispettur Alexander Grech kien qed jinvestiga l-każ fuq id-droga u li ġie mgħoddi l-oġġetti relatati mal-istess.[15]

8. Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, **PS 122 Arthur Borg**, maħtur bħala *Scene of Crime Officer* fil-mori tal-inkjesta dwar il-każ odjern, ikkonferma r-relazzjoni tiegħu esebita fil-proċess verbal.[16] Minn din ir-relazzjoni jirriżulta illi nhar is-16 ta' Settembru 2009 għall-ħabta tas-1.00 p.m., huwa aċċeda ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid u hemmhekk ġibed sitt ritratti li jinsabu annessi mar-relazzjoni tiegħu, f'liema ritratti jidhru l-*envelope* li kien jikkontjeni l-oġġetti in kwistjoni, biċċa *foil* b'tiċpis kannella u karta mrembla jew *pipe* tal-karti, flimkien ma' karta b'xi numri u kliem ieħor miktuba fuqha.[17]

9. **ASCO Clint Zahra** jixhed illi fil-15 ta' Settembru 2009 saret spezzjoni fiċ-ċella numru 26 ġewwa Diviżjoni 13 li dak iż-żmien kienet okkupata mill-imputat. Huwa jgħid illi kienu niżlu hu, ASCO James Abela, CO 4 Jurgen Stanicic u CO 11 Mark Spiteri u waqt it-tfittxija sabu *dongle* tal-*internet* u *foil* maħruq. Jgħid ukoll illi l-imputat kien waħdu fiċ-ċella u illi dawn l-oġġetti nstabu fuq *unit* li hemm fil-ġenb ħdejn il-bieb taċ-ċella.

[14] Ara din ix-xhieda a fol. 48 sa 50 tal-proċess.
[15] Ara din ix-xhieda a fol. 51 u 52 tal-proċess u r-rapport a fol. 53 u 54 tal-proċess.
[16] Ara din ix-xhieda a fol. 62 u 63 tal-proċess.
[17] Ara din ir-relazzjoni a fol. 15 *et seq* tal-proċess verbal.

Jgħid ukoll illi l-oġġetti ġew elevati u li ġew infurmati l-pulizija minħabba li kien instab il-*foil.*[18]

Illi da parti tagħha d-difiża ressqet is-segwenti provi:

1. **Oriana Deguara**, Deputat Reġistratur, li esebiet vera kopja ta' sentenza tal-4 ta' Novembru 2009, mogħtija minn din il-Qorti kif diversement preseduta mill-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Johan Sultana (Id Card 47882M) (Distrett Paola)'[19] u vera kopja ta' sentenza oħra ukoll tal-4 ta' Novembru 2009, mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi, ukoll fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Johan Sultana (Id Card 47882M) (Distrett Paola)'.[20]

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva illi għalkemm CO 4 Jurgen Stanicich u l-Maġġur James Abela jixhdu b'referenza għal dak li seħħ nhar is-16 ta' Settembru 2009, huwa evidenti mill-atti proċesswali illi l-ewwel imputazzjoni tirreferi għal dak li seħħ ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin nhar il-15 ta' Settembru 2009. Dan jirriżulta kemm mir-rapport li ħejja l-Ispettur Alexander Grech għall-fini tal-inkjesta li saret dwar il-każ odjern, kif ukoll mir-rapport redatt *a tempo vergine* dwar l-istess każ minn PS 285 Jeffrey Cutajar u mix-xhieda ta' ASCO Clint Zahra, li kien preżenti waqt it-tfittxija. Fil-fatt il-Qorti tinnota illi kien l-Uffiċjal Prosekutur li erronjement irrefera għad-data tas-16 ta' Settembru 2009 meta għamel il-mistoqsijiet tiegħu in eżami lil CO 4 u lill-Maġġur James Abela. In oltre huwa evidenti wkoll illi anke d-difiża taċċetta illi l-każ odjern seħħ proprju fil-15 ta' Settembru 2009, tant illi l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* issollevata minnha fil-mori tal-proċeduri odjerni, hija bbażata proprju fuq il-fatt, illi fl-istess jum, waqt l-istess tfittxija, fiċ-ċella tal-imputat instabu kemm oġġetti projbiti konsistenti f'*internet key* u xi flixkun tal-ħġieġ, dwar liema l-imputat diġa` ġie mressaq u kkundannat fi proċeduri separati, kif ukoll l-oġġetti mertu ta' dawn il-proċeduri.

Kif ingħad, id-difiża ssollevat b'mod preliminari l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* ai termini tal-Artikolu 527 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. In sostenn ta' din l-eċċezzjoni ġiet esebita vera kopja ta' sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-4 ta' Novembru 2009, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Johan Sultana', mil-liema jirriżulta illi n-numru tal-karta

[18] Ara din ix-xhieda a fol. 92 u 93 tal-proċess.
[19] Ara a fol. 75 tal-proċess.
[20] Ara a fol. 76 tal-proċess.

tal-identita` tal-imputat f'dak il-każ huwa identiku għal dak tal-imputat odjern, li jfisser għalhekk illi din is-sentenza ngħatat proprju fil-konfront tal-istess imputat.

Jirriżulta minn din is-sentenza, illi f'dak il-każ, l-imputat ġie akkużat talli nhar il-15 ta' Settembru 2009 u fil-jiem ta' qabel, fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, daħħal affarijiet projbiti u żammhom għandu fil-konfini tal-istess Faċilita` Korrettiva. Jirriżulta wkoll mill-istess sentenza, illi f'dak il-każ, l-imputat ġie misjub ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta, ġie kkundannat għall-ħlas ta' multa ta' ħamsin ewro (€50).

Jirriżulta għalhekk illi fil-proċeduri in kwistjoni, l-imputat ġie akkużat biss talli daħħal affarijiet ipprojbiti fil-Faċilita` Korrettiva. Is-sentenza ma tagħti l-ebda indikazzjoni dwar x'kienu l-oġġetti pprojbiti misjuba fil-pussess tal-imputat. Huwa evidenti madankollu illi l-imputazzjoni ma kinitx qegħda tirreferi għall-pussess tad-droga; dan jirriżulta kemm mix-xhieda tal-ex Spettur Alexander Grech illi jixhed b'mod ċar illi ttieħdu proċeduri separati fil-konfront tal-imputat in kwantu s-sejba ta' *internet key* u flixkun fiċ-ċella tal-istess imputat, kif ukoll mill-piena imposta u dan peress illi ai termini tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 260 tal-Liġijiet ta' Malta, f'każijiet fejn l-oġġett projbit illi jiddaħħal ġewwa l-ħabs ikun jikkonsisti *inter alia* f'xi mediċina li tkun mediċina perikoluża skont l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, il-piena hija dik ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn xahar u mhux iżjed minn tmintax-il xahar, u dan kemm il-darba ma jkunx hemm provduta piena ogħla taħt xi liġi oħra. Huwa biss taħt l-Artikolu 7(1) tal-istess Kapitolu, fejn l-oġġett projbit ma jkunx allura jikkonsisti f'mediċina perikoluża, illi l-liġi tipprovdi għall-piena pekunjarja konsistenti f'multa ta' mhux iżjed minn mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), f'każ ta' sejbien ta' ħtija. F'dawk il-proċeduri, in oltre, huwa evidenti illi l-imputat ma ġiex akkużat bir-reat ta' pussess tad-droga eroina, ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-banda l-oħra fil-proċeduri odjerni, l-imputat jinsab akkużat prinċipalment bir-reat ta' pussess tad-droga eroina, u dan bi ksur tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Fil-kors tat-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża sostniet illi l-Kodiċi Kriminali u l-Kostituzzjoni jittrattaw il-prinċipju tan-*ne bis in idem* b'mod differenti u dan għaliex filwaqt li l-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar l-istess fatt, il-Kostituzzjoni titkellem dwar l-istess reat. Targumenta illi sabiex jiġi determinat jekk hemmx *ne bis in idem* jeħtieġ ta' bilħaqq illi jiġi determinat jekk l-istess reat li l-imputat ġie mixli dwaru fil-proċeduri l-oħra, huwiex l-istess reat li għalih irid jirrispondi f'dawn il-proċeduri. Id-difiża ssostni wkoll illi r-reat huwa dwar oġġetti pprojbiti bid-distinzjoni tkun biss fil-piena. Iżżid tgħid illi l-oġġetti projbiti nstabu lkoll

fl-istess ħin, fl-istess tfittxija u fl-istess ċirkostanzi u konsegwentement il-Prosekuzzjoni setgħet tixli lill-imputat fl-istess proċeduri kemm dwar l-oġġetti projbiti, kif ukoll dwar id-droga.

Mill-banda l-oħra, il-Prosekuzzjoni ssostni illi din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda għaliex ir-reati huma nettament distinti u separati minn xulxin u l-provi miġjuba fil-proċeduri preċedenti dwar l-oġġetti pprojbiti huma differenti minn dawk fil-proċeduri odjerni dwar pussess ta' droga.

M'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-imputazzjoni deċiża bis-sentenza tal-4 ta' Novembru 2009 tirreferi għall-jum tal-15 ta' Settembru 2009 u l-jiem ta' qabel. Dan għalhekk ifisser illi l-akkuża tirreferi għall-perjodu ta' żmien ristrett. Fil-każ tal-lum, l-akkuża tirreferi għall-jum u ħin partikolari u għax-xhur ta' wara. L-imputazzjoni odjerna fil-fatt hija dwar il-15 ta' Settembru 2009 għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' fil-għaxija (20.30 hrs) u xhur wara.

Dak illi trid tiddeċiedi dwaru l-Qorti huwa jekk l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* għandhiex tapplika għall-imputazzjoni kif miġjuba kontra l-imputat fil-proċeduri ta' llum.

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Jannar 2014, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Azzopardi**:

> "Il-principju ta' ne bis in idem huwa rikonoxxut u trattat fil-Ligi taghna fl-Artiklu 527 tal-Kodici Kriminali u fl-Artiklu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Artiklu 527 jghid, "*Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun suggett ghal kawza ohra*". L-Artiklu 39(9) jghid, "*Ebda persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi Qorti kompetenti ghal reat kriminali u jew tkun giet misjuba hatja jew liberata ma ghandha terga tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat hlief wara ordni ta' Qorti Superjuri moghti matul il-kors ta' appell jew proceduri ta' rivizjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' htija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma ghandha tghaddi proceduri ghall-reat kriminali jekk turi li tkun hadet il-mahfra ghal dak ir-reat ...*".
>
> …
>
> L-ewwel Qorti tidher illi tat tifsira pjutost wiesgha ghall-fatt illi persuna tkun akkuzata ghall-istess fatt[21] li tkun suggetta ghal kawza ohra, fil-fatt fis-Sentenza taghha qalet, "*Illi ma hemmx id-dubju illi r-reati li dwarhom instab hati l-imputat fis-Sentenza tat-18 ta' Gunju, 2010 u r-*

[21] Sottolinear ta' dik il-Qorti.

*reati li dwarhom huwa jinstab akkuzat illum kollha jirreferu ghall-istess incident u cioe` l-istess fatti li sehhew fl-24 ta' Jannar, 2009.*" Din il-Qorti tirrileva illi filwaqt illi tista tifhem illi hawn si tratta ghal dan l-istess incident zgur pero' mhux ghall-istess fatti. [sottolinear miżjud]

…

Dak illi gara fl-24 ta' Jannar, 2009 meta gie arrestat l-appellat jirreferi ghal zewg reati nettament distinti u separati minn xulxin. Wiehed jirreferi ghall-lottu klandestin u l-iehor jirreferi ghat-tehid tad-droga. Il-fatti u l-provi li jirreferu ghal wahda zgur ma jirreferux ghall-iehor. Hekk insibu illi fil-kaz tal-lottu klandestin il-provi jirreferu ghad-dokument, kotba, notamenti u flus illi nstabu fuq l-appellat dakinhar illi gie arrestat. Il-provi illi jirreferu ghall-akkuza kontra l-Ordinanza tal-Medicini Perikoluzi jirreferi ghan-nuqqas ta' awtorizazzjoni ghal pusses ta' din id-droga u l-kwantita taghha u c-cirkostanzi illi kienet fil-pussess ta' l-appellat. L-ewwel Qorti gustament ikkwotat il-kawza "*Sua Maesta il-Re vs Agatha Mifsud u Carmelo Galea*" (15 ta' Gunju, 1918) fejn ikkwotat gurisprudenza Ingliza u cioe` "*The true test by which the question whether such a plea (ie autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second endowment would have been sufficient to proof a legal conviction upon the first.*" F'dan il-kaz zgur li ma jistax jinghad illi l-provi migbura fit-tieni process, cioe` dan il-kaz kellhom ikunu bizzejjed sabiex jippruvaw htija dwar l-ewwel reat, dak ta' lottu klandestin. Ghalhekk ma nistghux nghidu illi hawnhekk si tratta ta' l-istess fatti u l-Artiklu 527 tal-Kodici Kriminali ma japplikax. Ghal dak li jirrigwardja l-Artiklu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-kliem testwali illi jorbot kollox huwa, "*Ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat* …". L-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata lil din id-dicitura hi li persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghall-akkuzi li dwarhom diga ghadda ingudikat jekk l-akkuzi l-godda setghu jigu nkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza. Per ezempju jekk ghall-istess fatt persuna tigi misjuba hatja ta' serq ma tistax tigi mresqa f'kawza ohra ghall-istess fatt din id-darba akkuzat b'misapproprazzjoni. Jghodd ukoll l-ezempju li gab l-Avukat Generali meta persuna tkun mixlija bir-reat ta' tentattiv ta' omicidju f'kaz wiehed u ghall-istess cirkostanzi u fatt ikun mixli f'kaz iehor ghal ferita gravi u dana peress illi wiehed huwa kompriz u nvolut fl-iehor. Forsi ghall-ahjar soluzzjoni ta' din il-vertenza jkun ghaqli illi l-Qorti tirrikorri ghall-origini ta' din id-dicitura ne bis in idem u cioe' ghad-dritt Roman fejn dana jghallem illi, "*Nemo debet bis vexari si constat curie quodsit pro una et eadem causa*" Hadd ma ghandu jigi pprocessat darbtejn jekk jigi ppruvat lill-Qorti jekk dana huwa, "*For one and the same cause*".

Taht l-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma nistghu nghidu illi l-akkuza kontra l-lottu klandestin hija l-istess bhall-akkuza kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Kif ga nghad ghad illi dan l-incident huwa wiehed il-persuna hija wahda pero' l-fatti li jirrigwardjaw akkuza minnhom huma ferm differenti mill-fatti illi jirrigwardjaw it-tieni akkuza u zgur illi hawnhekk m'ghandniex one and the same cause..."

Eżami akkurat ta' dan il-prinċipju sar ukoll minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et** tal-5 ta' Novembru 2012 fejn ingħad hekk dwar l-applikazzjoni tan-*ne bis in idem*:

"Illi l-principju tan-*ne bis in idem* jinsab imhaddan mhux biss fid-dritt penali taghna u cioé fil-Kodici Kriminali izda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Hemm distinzjoni netta bejn dana il-principju kif inhu imhaddan fil-Kodici Kriminali u dak imhares mill-Kostituzzjoni taghna, kif ukoll distinzjoni ma' dak dikjarat fir-raba' artikolu tas-Seba Protokol tal-Konvenzjoni. Mentri Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirreferi ghall-"*istess fatt*", Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jirreferi ghall-*"[istess] reat*".

…

… l-Kodici Kriminali jippostula zewg elementi importanti: fl-ewwel lok, irid ikun hemm sentenza fejn l-imputat jigi liberat mill-akkuzi u, fit-tieni lok, illi l-istess persuna ma tigix sottoposta ghal proceduri godda dwar l-istess "*fatt*" (u mhux l-istess "*reat*"). A rigward il-kriterji rikjesti mill-Artikolu 527, jirrizulta illi l-imputati tal-kawza odjerna huma l-istess imputati tas-sentenza tat-23 ta' April 2012. Diga gie sottolineat aktar qabel fejn tinsab id-differenza bejn iz-zewg kawzi. Jirrizulta li l-imputazzjonijiet originali, ghajr ghal tnejn (li thallew barra), gew trasportati fil-kawza odjerna u d-differenza bejn l-akkuza li ghaddiet in gudikat u dik odjerna hija li f'din ta' l-ahhar il-hin huwa "*fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 t'Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi t-tlieta u nofs ta' fil-ghodu*" mentri fil-kaz deciz f'April 2012, l-akkuza kienet: "*fil-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi l-hdax ta' fil-ghaxija*". Ghalhekk dak li din il-Qorti trid tiddeciedi dwaru huwa jekk dawn iz-zewg akkuzi jammontawx ghall-istess "*fatt*" skond id-dispost tal-Artikolu 527 tal-Kapitolu 9.

Illi fin-noti tieghu, il-Profs Mamo jghid hekk:

"But it must be strongly emphasised that for the plea to succeed the fresh proceedings must be based on the very same fact. (Cr. App. "Pol. vs. Piscopo" 21/3/1953)".

Illi l-Profs Mamo jghid ukoll is-segwenti:

"What is particularly essential is to have a notion of what the law means by the same fact. In "**Rex vs. Agata Mifsud et**" (15/5/1918) Law Reports, Vol. XXIII, p. 1, p. 1077, H.M.'s Criminal Court said: "*Per giudicare se si tratti di fatti identici o diversi, bisogna esaminare se il corpo del delitto rimanga lo stesso, pur cambiandosene la qualificazione, o in altri termini, se la materialita' del fatto rimane inalterata malgrado la diversa qualificazione legale che gli venga attribuita*". In other words, if the fact on which the subsequent charge is made is the same as that in respect of which the previous judgment was given, the plea lies notwithstanding that the subsequent charge is an offence different from that charge in the previous trial".[22]

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Vella et**[23], il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"Bl-espressjoni l-istess att wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat konsistenti ghalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tieghu. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oggett: Hekk per ezempju min f'okkazzjoni partikolari jaghmel hsara volontarja fuq proprjeta` ta' haddiehor u f'okkazzjoni ohra jerga' jaghmel l-istess tip ta' hsara fuq l-istess proprjeta` ma jista' bl-ebda mod jecepixxi r-res judicata." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Illi ta' min jinnota li fil-kaz **Il-Pulizija vs. Joseph Cini**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 1996, il-Qorti trattat l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* f'reat li sehh ftit hin qabel reat iehor li kien ghadda in gudikat. Kif irriteniet dik il-Qorti: "l-imputazzjonijiet f'dik is-sentenza l-ohra jirreferu ghal incident li gara qabel, ghalkemm fl-istess gurnata, u fl-istess lock up, cioé ghall-incident li sehh xi siegha u nofs (1.30pm) ta' wara nofs inhar".

Dik il-Qorti ghalhekk iddecidiet li l-fatti ma kienux l-istess.

…

Illi f'kaz simili hafna ghal dak odjern, cioé il-kaz **Il-Pulizija vs. Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin**, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali laqghet l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* in segwitu ta' bidla fil-hin ta' meta allegatament sehhew l-imputazzjonijiet kontra l-imputat."

[22] Hawnhekk il-Qorti kienet qeghda ticcita min-Notes on Criminal Procedure, a fol. 43-44
[23] Deciza fid-19 ta' Frar 1999.

In segwitu għal din id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Marzu 2008 irreferiet ghat-test applikat fis-sentenza fil-kawża **Sua Maesta' il-Re vs Agata Mifsud e Carmelo Galea** [15.6.1918], fuq ċitata, iżda ddeċidiet li l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* ma kinitx tapplika f'dan il-każ u b'hekk irrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Sussegwentement, l-imputat f'dik il-kawża ressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li ddeċidiet li kien hemm leżjoni tad-drittijiet tiegħu meta ġie sottopost għall-proċeduri ġodda dwar l-istess reati li dwarhom kien diġa` ġie akkużat u anke lliberat mill-Qorti. Fis-sentenza tagħha, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin** tas-26 ta' Marzu 2009, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) qalet hekk:

> "Illi huwa wkoll stabilit[24] li l-principju tan-ne bis in idem imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process.
>
> [...]
>
> Illi [...] dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lill-persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwa sew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-ne bis in idem ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali.
>
> [...]
>
> Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eccezzjoni tan-ne bis in idem fil-qasam tad-dritt penali taht l-ordinament guridiku taghna, wiehed iqies li jehtieg jintwera li l-persuna li tkun tqieghdet taht akkuza ohra trid tkun l-istess wahda li kienet tqieghdet taht l-ewwel procedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt.
>
> [...]
>
> Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa principju accettat li, bi thaddim tar-regola ne bis in idem: "The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act,

[24] Kost. 4.8.1999 fil-kawza fl-ismijiet **Fenech vs. Avukat Generali** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.213).

and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act."[25]

Illi din il-Qorti tifhem li jekk kemm-il darba t-tifsira moghtija lill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali hija b'mod tali li izzomm milli persuna terga' titressaq mixlija dwar fatt li dwaru kienet diga' tressqet taht procedura li ntemmet b'sentenza li saret gudikat, wiehed jistenna li t-thaddim tar-regola migjuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ghandu jkun jghodd izjed biex ihares dak il-jedd. Fi kliem iehor, il-garanziji kostituzzjonali ma jistghux ikunu applikati b'xehha jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li taghti l-ligi ordinarja kif tinsab fil-Kodici Kriminali".

L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija interponew appell mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. B'sentenza tal-4 ta' Ġunju 2018, il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appell. Il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u qalet hekk:

"12.Fis-sentenza **Grande Stevens v. Italy** (numru 18640/10 tas-7 ta' Lulju, 2014) il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem reġgħet ikkonfermat dak li kienet qalet l-istess qorti (Grand Chamber) fil-każ ta' **Sergey Zolotukhin v Russia** (14939/03):

*"220. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of a new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of accusations levelled against the applicant in the new proceedings. Normally these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence of which he or she stands accused.* ***In the Court's view, such statement of fact are an appropriate starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same.***

*221. The Court's inquiry should therefore* ***focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space****, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings [see Sergey Zolotukhin, cited above, § 84] .....*

[25] App. Krim. Inf. 15.11.1941 fil-kawza fl-ismijiet Giuseppe Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar (kif imsemmija fil-ktieb "Recent Criminal Cases Annotated" tal-Prof. W. Harding).

*224 ..... it follows from the principles set out in the case of Sergey Zolotukhin, cited above, that the question to be answered is not whether or not the elements of the offences set out in Articles 187 ter and 185 § 1 of Legislative Decree No. 58 of 1998 are identical,* ***but whether the offences with which the applicants were charged before the CONSOB and before the criminal courts concerned the same conduct****".*

13.Fis-sentenza ta' **Sergey Zolotukhin v Russia**, il-qorti qalet li l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll kellu jinftiehem:

"*82.... as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence'* ***in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same***".

14.Fil-fatt fil-każ **A.B. v Norwary**, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Grand Chamber) qalet:

*"The most significant contribution of the Zolotukhin judgment was the holding that* ***the determination as to whether the offences in question were the same (idem) was to depend on a facts-based assessment (ibid., § 84), rather than, for example, on the formal assessment consisting of comparing the "essential elements" of the offences****. The prohibition concerns prosecution or trial for a second "offence" in so far as the latter arises from identical facts or facts which are substantially the same (ibid., § 82)".*

15.Fil-każ **Tomasovic v Croatia** (applikazzjoni 53785/09) tat-18 ta' Ottubru, 2011, l-istess qorti, wara li wkoll għamlet riferenza għal każ ta' Sergey Zolotukhin, waslet ghal konklużjoni li:

"27. *As to the present case the Court notes that in respect of the minor offence the applicant was found guilty of possessing 0.21 grams of heroin on 15 March 2004 at about 10.35 p.m. As regards the proceedings on indictment, she was found guilty of possessing 0.14 grams of heroin on 15 March 2004 at about 10.35 p.m.*

*28. The Court cannot but conclude that* ***the facts constituting the minor offence of which the applicant was convicted were essentially the same as those constituting the criminal offence of which she was also convicted***."

16.Fil-każ **Muslija v Bosnia Herzegovina** tal-14 ta' Jannar, 2014, qorti sabet lir-rikorrent ħati talli **fit-12 ta' Frar, 2003 fis-6.40 pm** daħal fl-appartament ta' persuna li qabel kienet martu u kkundannatu jħallas multa. Sussegwentement, f'Jannar 2008 Qorti Muniċipali kienet sabet

lill-istess applikant ħati li **fis-7 pm tat-12 ta' Frar 2003**, kkaġuna ġrieħi gravi fuq l-istess persuna. Il-Qorti Ewropea qalet:

> *"34. Turning to the present case, the Court notes that in both the minor offences proceedings and the criminal proceedings the applicant was found guilty of the same conduct towards the same victim and within the same time frame (see paragraphs 7 and 11 above). In 2011 the Constitutional Court rejected his appeal applying the pre-Zolotukhin case-law. Its approach had since evolved (see paragraph 18 above). The Court further notes that the definition of the minor offence under section 3(1)(2) of the Public Order Act 2000 does not, as such, include inflicting bodily harm, whereas that element is crucial for the criminal offence of inflicting grievous bodily harm under Article 177 of the 1998 Criminal Code. However, in its decision, the Minor Offences Court expressly stated that the applicant was guilty of, inter alia, slapping M.P. and of punching her about her entire body. The physical attack on M.P. thus constituted an element of the minor offence of which the applicant was found guilty (in this connection, see Maresti, cited above, § 63). In the criminal proceedings before the Municipal Court the applicant was again found guilty of, inter alia, hitting M.P.* ***The events described in the decisions adopted in both sets of proceedings took place at about 6.40 p.m. on 12 February 2003 in M.P.'s flat in Kakanj. It is obvious that both decisions concerned exactly <u>the same event and the same acts</u>, regardless of the fact that the decision of the Municipal Court stated that the event took place at about 7 p.m****……*
>
> *38. The applicant was "convicted" in minor-offences proceedings which are to be assimilated to "criminal proceedings" within the autonomous Convention meaning of this term. After this "conviction" became final, he was found guilty of a criminal offence which related to the same conduct as that punished in the minor-offences proceedings and encompassed substantially the same facts. The Constitutional Court failed to apply the principles established in the Zolotukhin case and thus to correct the applicant's situation.*
>
> *39. In the light of the foregoing, the Court considers that the proceedings instituted against the applicant under Article 177 § 1 of the 1998 Criminal Code concerned essentially the same offence as that of which he had already been convicted by a final decision under section 3(1)(2) of the Public Order Act 2000.*
>
> *40.* ***There has therefore been a violation of Article 4 of Protocol No. 7".***

17.Mhemmx dubju li għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħin meta seħħ l-inċident ma kienx hemm dak li jissejjaħ bħala *temporal unity*, bejn l-

inċident kif deskritt fl-ewwel ċitazzjoni u kif deskritt fit-tieni waħda. Pero' inċident wieħed kien hemm li seħħ fid-29 ta' April, 2006. Irrispettivament ta' x'jingħad fiċ-*charge sheets*, għal dak li huma fatti materjali fiż-żewġ kawżi dawn kienu l-istess, u ċjoe' li:

- Fid-29 ta' April, 2016 l-intimat kien qiegħed isuq il-vettura FQZ-114;
- Dakinhar waqt li kien qiegħed isuq l-imsemmija vettura fi Triq it-Torri, Sliema, allegatament taħt l-influwenza tal-alkoħol iktar milli tippermetti l-liġi, tajjar lil Giuseppe Cuschieri. Fatti li jirriżultaw wkoll fl-ewwel kawża mill-okkorrenza tal-pulizija li l-qorti tifhem li ġiet preżentata mill-prosekuzzjoni.

18.L-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) jipprovdi:

> *"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikolaritajiet* ***ta' żmien u ta lok*** *li jkun jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw".*

Biex tiddeċiedi jekk hemmx l-istess fatti wieħed ma jridx jibbaża ruħu biss fuq 'il fatti li jissemmew fiċ-ċitazzjoni tal-ewwel kawża. Jekk ikun mod ieħor ikun ifisser li potenzjalment persuna tista' tibqa' tiġi akkużata b'mod indefinit dwar l-istess incident, sakemm 'il fatti fiċ-ċitazzjoni jkunu tniżżlu korrettement. Dan mhuwiex l-ispirtu tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-qorti tifhem li 'l fatti li għalihom wieħed irid jirreferi huma l-l-***historical facts*** li jwasslu biex tinħareġ ċitazzjoni kontra l-imputat. Fatti li kif rajna jirriżultaw mill-provi li l-prosekuzzjoni stess ressqet fl-ewwel kawża.

19.Għall-qorti mhemmx dubju li jekk it-tieni kawża kellha tiddeċiedi l-meritu, ser ifisser li tingħata sentenza dwar l-istess inċident u atti.

20.Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet mhemmx ħtieġa li l-qorti tqies l-aggravju relatat mal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni. Madankollu l-qorti xorta tosserva li għal finijiet ta' dik id-disposizzjoni mhuwiex biżżejjed li l-qorti tiddetermina hemmx l-istess reat. Irid ukoll ikun hemm l-istess fatti jew fatti li huma sostanzjalment l-istess. Alternattivament tinħoloq sitwazzjoni fejn f'zewġ kazijiet b'fatti differenti għal dak li jirrigwarda z-żmien u spazju li jkunu jwasslu għall-istess reat/i, ma tkunx tista' ssir it-tieni kawża minħabba l-prinċipju *ne bis in idem* kif protett fil-Kostituzzjoni. Din żgur li ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur."

Kompliet hekk il-Qorti fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et</u>** b'referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali appena ċitata:

> "Illi jkun ghaqli li ssir riferenza ghal dak li qalet il-Qorti fis-sentenza t'hawn fuq, meta din ghamlet riferenza diretta ghal dak li kellha quddiemha. Il-Qorti qalet:
>
> "Illi meta wieħed iqabbel l-akkużi mressqin kontra l-imputat fl-ewwel procedura ma' dawk li qegħdin jitressqu issa fit-tieni procedura, wieħed għandu jsib li l-akkużi kollha f'din it-tieni procedura kienu msemmija, kelma b'kelma, fl-ewwel akkuża (liema Taħrika kellha tliet imputazzjonijiet oħra li ma jiffigurawx fit-tieni procedura). Id-dispożizzjonijiet tal-ligi msemmija fiż-żewg Taħrikiet huma l-istess fejn jirrigwarda l-akkużi komuni. Il-fatt li għalih jirreferu ż-żewg Taħrikiet huwa l-istess.
>
> Illi din il-Qorti tislet il-fehma li l-imputat għandu ragun iħoss li, bit-tieni procediment li qiegħed jgħaddi minnu, qed iseħħ ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni. Meta wieħed iqabbel l-akkużi li kellu fl-ewwel procediment ma' dawk li tressqu kontrih fil-procediment attwali, wieħed isib li c-cirkostanza ewlenija li tagħżel bejn tal-ewwel u tat-tieni hija l-ħin li fih allegatament seħħ il-każ. <u>Din il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi kostitutivi (l-"elementi essenzjali"), jigifieri kemm dak materjali (l-"*actus*") u kemm dak formali (il-"*mens*") tar-reati ipotiżżati fiż-żewg akkużi kontra r-rikorrent, jixxiebhu f'kollox</u>. Il-ħin m'huwiex element kostitutiv tagħhom, u l-istess reati – jekk ippruvati kif imiss – jitqiesu bl-istess mod indipendentement mill-ħin li fih twettqu. Lanqas ma jidher li huwa l-każ li l-ħin jikkostitwixxi xi element aggravanti ta' dawk ir-reati, iżda huwa biss cirkostanza oħra li trid tirriżulta kif imiss biex torbot lill-persuna akkużata mal-fatt tal-grajja nnifisha. [sottolinear miżjud]
>
> Illi l-Avukat Generali jisħaq li d-differenza fil-ħin bejn dak imsemmi fl-ewwel akkuża (li minnha r-rikorrenti nħeles) u dak imsemmi fit-tieni akkuża (li dwarha tressqet din ir-Riferenza) jagħmel non-"*idem*" għaliex jgħid li l-ħin tant kien element krucjali, li minħabba n-nuqqas ta' indikazzjoni tajba tiegħu r-rikorrent inħeles mill-akkużi migjuba kontrih. Din il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument, l-iżjed meta tkejlu mal-kriterji gurisprudenzjali msemmija aktar 'il fuq dwar x'jikkostitwixxi l-identita' tal-akkuża għall-finijiet tar-regola hawn mistħarrga."

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et</u>**, din il-Qorti kif diversament preseduta għamlet referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Christian Grech</u>** tal-14 ta' Mejju 2012, fejn intqal hekk:

> "Id-difiza tissottometti li hemm 'overlapping' bejn qligh li gej mill-prostituzzjoni (li jkun parti mir-reat) u l-*money laundering*. Izda bir-

> rispett kollu dan mhux legalment korrett. Fil-*Money Laundering,* wiehed ikun akkuzat li kkonverta jew ittrasferixxa propjeta` li kien jaf li gejja mir-rikavat ta' attivita` kriminali jew li heba jew wera haga b'ohra tal-vera xorta, provenjenza, lok dispozizzjoni ta' propjeta` li jkun jaf li gejja direttament jew indirettament minn attivita` kriminali. U l-ligi tipprospetta tliet sitwazzjonijiet ohra ta' kif jista' jsir il-hasil tal-flus. Mela jekk wiehed ghandu traffikar ta' persuni jew qed jghix minn fuq il-prostituzzjoni mhux ekwivalenti ghal li jaqbad dak il-qligh u jittrasferih jew jahbih jew jaghtih lil haddiehor biex izommhulu. Is-sustanza tat-tieni reat hija għal kollox differenti mis-sustanza tal-ewwel reat. **Isegwi li m'hemm ebda *overlapping* bejn ir-reat li bih huwa akkużat l-akkużat innifsu fi proċeduri oħrajn u r-reat tal-*money laundering*. Il-fatti huma għal kollox differenti u la l-fatti huma differenti għal kollox m'hemmx każ ta' 'ne bis in idem'".**

## Ikkunsidat ulterjorment:

Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' natura legali, din il-Qorti tqis illi dak li jrid jiġi determinat huwa jekk l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża tapplikax għall-proċeduri tal-lum.

Jibda biex jingħad illi huwa evidenti illi t-tfittxija esegwita nhar il-15 ta' Settembru 2009 hija element komuni li tgħaqqad dawn il-proċeduri tal-lum ma' dawk li ġew deċiżi nhar l-4 ta' Novembru 2009 u li għalihom saret referenza iżjed 'il fuq. Fi kliem ieħor, kien riżultat ta' din it-tfittxija li l-uffiċjali nkarigati mill-istess tfittxija sabu fil-pussess ta' l-imputat kemm oġġetti li huma projbiti ġewwa l-ħabs, konsistenti f'*internet key* – u skont ir-rapport ta' PS 285, flixkun tal-ħġieġ - kif ukoll biċċa *foil* u karta f'forma ta' *pipe* b'tiċpis li sussegwentement irriżultaw pożittivi għad-droga erojina. Madankollu għakemm l-inċident kien wieħed, il-komunanza bejn iż-żewġ proċeduri tieqaf hawn u ma tinoltrax ruħha għal aspetti oħrajn.

Il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi fir-rigward tal-oġġetti projbiti li l-imputat instab ħati dwarhom, din il-Qorti diversement presjeduta sabet lill-imputat ħati dwar reat li huwa nstab li wettaq fil-15 ta' Settembru 2009 u fil-jiem ta' qabel. Għall-kuntrarju, l-imputat qiegħed f'din l-istanza jiġi mixli li wettaq reat kontra l-liġijiet tad-droga fil-*"15 ta' Settembru 2009 għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija (20.30hrs) u xhur wara".* Għalkemm il-ħin mhuwiex element kostituttiv tar-reat, biss f'dan il-każ, huwa evidenti illi dak li wassal għall-imputazzjoni kif dedotta kienet mhux biss it-tfittxija in kwistjoni, iżda wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, li fiha huwa ammetta għall-użu tad-droga ġewwa l-ħabs matul parti miż-żmien li fih huwa kien jinsab inkarċerat u kien proprju dan li wassal sabiex huwa jiġi akkużat b'referenza għaż-żmien kif dedott. Dawn ċertament huma fatti li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-fatti – ossia s-sejba tal-*internet key* u tal-flixkun

tal-ħġieġ – li wasslu sabiex huwa jiġi akkużat fit-termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta u li dwarhom ġie kkundannat bis-sentenza tal-4 ta' Novembru 2009. Verament illi anke d-droga hija oġġett projbit ġewwa l-ħabs u veru wkoll illi l-imputat seta' faċilment jiġi mressaq bl-akkużi relatati mad-droga fl-ewwel proċeduri, iżda jibqa' indubitat illi l-akkuża tal-lum hija għal kollox separata u distinta minn dik li dwarha diġa` ġie ġudikat, bażata fuq fatti distinti, li tirrikjedi prova diversa minn dawk li kienet tirrikjedi l-ewwel proċedura li ttieħdet kontra tiegħu. Salv għall-prova komuni rigwardanti t-tfittxija fiċ-ċella msemmija, f'dan il-każ kien jeħtieġ lill-Prosekuzzjoni ġġib il-prova dwar dak misjub – konsistenti mhux fl-*internet key* u l-flixkun tal-ħġieġ, iżda fil-*foil* u l-karta rrumblata f'forma ta' *pipe* - kif ukoll illi l-imputat kien fil-fatt fil-pussess tad-droga eroina u dan tramite l-analiżi forensika tal-espert maħtur fl-*in genere*; prova din li ma kinitx meħtieġa fl-ewwel proċeduri.

Din il-Qorti għalhekk ma tqisx illi l-fatti li taw lok għall-imputazzjoni odjerna huma identiċi għal dawk li dwarhom l-imputat diġa` nstab ħati, u għaldaqstant, din il-Qorti ma tqisx li jikkonkorru l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża, liema eċċezzjoni qegħda għalhekk tiġi miċħuda.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Tajjeb jingħad illi għalkemm l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu għall-15 ta' Settembru 2009, l-istqarrija tal-imputat ittieħdet fit-13 ta' Settembru 2012. Dan wara li l-istess imputat ingħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema jedd huwa għażel li ma jeżerċitahx, iżda mingħajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju, stante li dan ma kienx viġenti fil-liġi Maltija fiż-żmien tal-każ odjern. Dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas, fit-trattazzjoni tagħha, id-difiża ssottomettiet illi din l-istqarrija għandha tiġi dikjarata bħala prova inammissibbli.

Illi dwar dan il-punt il-Qorti taqbel mad-difiża u qed tqis bħala inammissibbli l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat. Dan qed jingħad fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022). Huwa evidenti illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istess stqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu bħala nieqsa minn valur probatorju. Naturalment dan

japplika wkoll għal dak li xehed l-Uffiċjal Prosekutur in konnessjoni mal-kontenut tal-istess stqarrija.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, iċ-ċitazzjoni odjerna tirreferi għall-15 ta' Settembru 2009 għall-ħabta tat-8.30 p.m. u xhur wara ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Mill-atti proċesswali, jirriżulta illi l-ħin tat-8.30 p.m. ġie indikat stante illi kien f'dan il-ħin li saret it-tfittxija fiċ-ċella in kwistjoni u li matulha, instabu l-oġġetti relatati mal-użu tad-droga eroina u li fuqhom instabu traċċi ta' din id-droga. Il-Qorti tifhem ukoll illi r-referenza għax-xhur ta' wara saret fid-dawl ta' dak li ddikjara l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu.

Ma jirriżultax mill-provi prodotti illi l-imputat inqabad *in flagrante delicto* jagħmel użu mid-droga eroina fil-mument tat-tfittxija. Lanqas ma jirriżulta illi l-imputat instab fil-pussess ta' din id-droga. Kif tajjeb tgħid id-difiża, għalkemm mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut jirriżulta illi fuq *swabs* meħuda mill-*aluminium foil* u l-karta rromblata li nstabu fl-istess ċella, instabet is-sustanza eroina, fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami, huwa jikkjarifika illi t-tiċpis ta' lewn kannella, li l-Qorti tinnota li kien preżenti kemm fuq l-*aluminium foil* kif ukoll fuq il-karta rromblata, kien il-fdal li jibqa' mis-sustanza u illi s-sustanza diġa` kienet ġiet maħruqa u kkunsmata. Kien proprju għaliex ma kienx fadal trab u sustanza – la darba din kienet ġiet ikkunsmata – iżda biss tiċpis, illi huwa ma setax jagħti piż. Dan ifisser għalhekk illi ma kienx għad hemm il-presenza tad-droga, iżda t-tiċpis ossia l-fdal li semmai jikkonferma illi preċedentement kien sar użu mid-droga eroina. Isegwi wkoll illi ma kienx fil-mument li saret it-tfittxija illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga eroina, iżda f'xi ħin jew ħinijiet qabel, li jwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-ewwel imputazzjoni kif dedotta ossia b'referenza għal ħin partikolari, ma tistax, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, twassal għal sejbien ta' ħtija fl-imputat. Naturalment la darba l-istqarrija tal-imputat ġiet dikjarata nieqsa minn valur probatorju, dan ifisser ukoll illi lanqas ma tirriżulta prova fl-atti illi tista' twassal sabiex l-imputat jinstab ħati dwar il-pussess ta' din id-droga b'referenza għax-xhur ta' wara l-15 ta' Settembru 2009.

Għaldaqstant din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

La darba fid-dawl tas-suespost, il-Qorti mhijiex qed issib ħtija fl-imputat dwar l-ewwel imputazzjoni, ma jidhrilhiex illi għandha għalfejn tinoltra ruħha fil-bqija tal-argumenti mqajjma mill-abbli difensur tal-imputat fit-trattazzjoni finali tagħha fir-rigward tal-istess imputazzjoni.

In oltre stante illi ma tirriżultax ippruvata l-ewwel imputazzjoni, lanqas ma jistgħu jirriżultaw it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Johan Sultana** mhux ħati tal-imputazzjonjiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Konsegwentement, m'hijiex tordna lill-istess imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti esebiti mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat